**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-ERBGHA 3 TA' APRIL, 2002**

**Avviz Nru: 448/02 AJD**

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Carmelo Ciantar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Frar, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici hlas ta' Royalty fl-ammont ta' sittin lira Maltin u erba' centezmi (Lm60.04) kwantu ghal tnejn u hamsin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm52.21) Royalty, seba' liri Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm7.83) Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja numry 010433 (Dok. A) rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Chaudron Café', ghall-perijodu mis-6 ta' Settembru, 2001, sal-5 ta' Setembru, 2002.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Avviz u dawk tal-ittra legali tat-30 ta' Novembru, 2001, kif ukoll l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Angela Sciberras, ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sittin lira Maltin u erba' centezmi (Lm60.04), bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-Avviz sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**